MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2003

Citazzjoni Numru. 122/2000/1

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici wara li ppremettiet illi hija zzewget lill-konvenut David Zerafa fil-hamsa (5) ta’ April tas-sena elf disa’ mija u sebgha u disghin (1997) u miz-zwieg taghhom ghandhom tarbija wahda Alessio li twieled fl-erbatax (14) ta’ Lulju tas-sena elf disa’ mija u sebgha u disghin (1997).

Illi l-hajja matrimonjali ta’ bejniethom m’ghadhiex iktar prossibbli u dan minhabba adulterju, sevizzi, swat u mohqrija perpetwati da parti ta’ zewgha u ghal ragunijiet ohra li jiggustifikaw is-separazzjoni personali.

Illi proprju minhabba dan l-atteggjament l-esponenti kienet kostretta tabbanduna d-dar matrimonjali u tmur tghix flimkien ma’ binha fid-dar tal-genituri taghha.

Illi permezz ta’ digriet moghti minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha bhala Qorti ta’ Gurisdizzjoni

Volontarja fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu tas-sena elfejn (2000) l-attrici giet awtorizzata tipprocedi b'din il-kawza.

Talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan ghar-ragunijiet fuq imsemmija u ghar-ragunijiet l-ohra li jirrizultaw fil-kors tal-kawza.

2. Konsegwentement tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu kif kontemplati fl-artikoli tmienja u erbghin (48) sa wiehed u hamsin (51) tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejn il-kontendenti.

4. Tillikwida l-istess komunjoni u tiddividiha skond il-Ligi, dejjem salv dak li ntalab fuq bil-komminazzjonijiet applikabbli fil-konfront tal-konvenut skond il-Ligi.

5. Tordna li l-kustodja tal-minuri jigifieri Alessio tigi fdata lill-attrici.

6. Tiffissa dik ir-retta alimentari pagabbli mill-konvenut lill-attrici u lil binha u tikkundannah sabiex ihallas l-istess.

Bl-ispejjez inkuzi dawk tal-proceduri quddiem il-Qorti fil-kompetenza taghha bhala Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja fl-istess ismijiet.

Il-konvenut imharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsab ingunt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attrici debitament guramentata u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut David Zerafa fejn ecepixxa:

1. illi huwa jaqbel illi l-hajja matrimonjali tkissret irrimedjabilment u ghladaqstant ma jopponix it-talba ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti.

2. Illi l-ksur irrevokabbli taz-zwieg ma garax tort ta' xi komportament tal-konvenut izda ghall-kuntrarju kienet l-attrici illi wasslet sabiex iz-zwieg tkisser irrimedjabilment kif jirrizulta dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba numru tnejn (2) ta' l-attrici hija assolutament bla bazi u m'ghandhiex tigi milqugha ghaliex hu qatt ma kien hati ta' adulterju lejn il-mara tieghu u lanqas ta' eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi da parti tieghu kontriha, jew kontra l-iben komuni.

4. Illi huwa ma jopponix illi din l-Onorabbli Qorti tiddikjara xoltra l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess u tqassamha bejn il-partijiet.

5. Illi bla bazi ukoll it-talba ta' l-attrici sabiex l-iben komuni minuri Alessio jigi fdat fil-kustodja ta' l-attrici izda l-kustodja ta' l-iben komuni ghandha tigi fdata lill-genituri flimkien fl-ahjar interess tal-minuri.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut m'ghandux jaghti manteniment lil martu u ghandu jigi obbligat imantni lil ibnu biss sakemm ikollu access adegwat ghal ibnu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat li l-konventu ipprezenta kontro talba li tghid:

Illi dan iz-zwieg tkisser irrevokabbilment u inoltre Clemia Zerafa kienet hatja fil-konfront ta' zewgha ta' eccessi, mohqirja u offizi gravi.

Talab li din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara illi l-htija ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejniethom ghandha tigi akkollata lill-attrici biss;

2. konsegwentement, jekk jidhrilha hekk opportun, tapplika fil-konfront ta' l-attrici id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 48 u 51 tal-Kodici civili in toto jew in parti;

3. tafda il-kura u kustodja ta' l-iben minuri Alessio lill-konvenut u dan fl-ahjar interess tal-minuri;

4. tordna lill-attrici tikkontribwixxi ghall-manteniment tat-tifel bil-mod u manjiera illi jidhru l-aktar opportuni fl-interess ta' l-istess iben komuni.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri quddiem il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja kontra l-attrici.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa hija ingunta.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut debitament guramentata u l-lista tax-xhieda annessa.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attrici ghall-kontro citazzjoni tal-konvenut fejn eccepiet:

1. illi ghar-ragunijiet spjegati fic-citazzjoni l-firda ta' bejn il-kontendenti hija attribwibbli unikament ghall-htijiet gravi da parti tal-konvenut u dan kif jigi dettaljatament ippruvat fil-kors tal-kawza. Ghal din ir-raguni l-ewwel u t-tieni talba qed jigu kkontestati.

2. Illi l-istess nuqqasijiet jirrendu lill-konvenut mhux kapaci sabiex ikollu l-kura u kustodja tal-wild komuni fdati f'idejh. Anzi anke l-access ghall-minuri irid necessarjament ikun kkontrollat minn terzi.

3. Illi ghal dak li jirrigwarda t-talba ghall-manteniment tajjeb jigi rilevat li l-minuri qieghed jigi mantnut interament mill-attrici minghajr ebda kontribuzzjoni da parti tal-konvenut.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici minnha debitament guramentata u l-lista tax-xhieda annessa.

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

Jirrizulta mill-atti li l-unika xhieda li giet prodotta giet offerta mill-attrici u tikkonsisti fl-affidavit taghha, id-deposizzjoni tar-Reverendu Manwel Bonnici u omm l-istess attrici Margaret Zammit. L-attrici semmiet wkoll li nizjalat proceduri ta’ annulament quddiem it-Tribunal Eklesjastiku. Da parti tal-konvenut u minkejja r-rikonvenzjoni tieghu hu ma offra ebda prova u ma gab ebda xhieda in sostenn tal-att rikonvenzjonali tieghu.

Prescindendo minn dan kollu hu pero’ palesi li l-imputat ghandu problemi psikici tali li gie pruvat sodisfacjentement li huwa irrenda ruhhu hati lejn l-attrici ta’ eccessi, mohqrija u offizi gravi li rrizultaw biex iz-zwieg tkisser irrimedjabilment.  L-attrici fl-affidavit taghha stqarret li m’hemm xejn ta’ valur komponenti l-kommunjoni tal-akkwisti apparti minn vettura tal-marka Kia li thalset bl-indistrja u x-xoghol taghha.  Issa apparti jekk l-konvenut ghandux jigi kkundannat il-konsegwenzi li jikkontemplaw l-artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili jibqa’ sabiex tigi determinata l-kustodja tat-tifel minuri Alessio li illum ghandu circa sitt snin u tigi iffissata r-retta alimentari pagabbli mill-konvenut lill-attrici u lit-tifel.

Illi mill-provi l-Qorti tirriavviza li l-atti kommessi mill-konvenut kontra martu u familjari taghha u t-theddid fil-konfront taghhom direttament u lejn ibnu ndirettament huma ta’ portata tali li ghandhom jigu meqjusa bhala ta’ entita’ serja jekk mhux serjissima. Huwa ghalhekk f’loku li prevja li din il-Qorti takkampa l-htija ghall-firda fuq ir-ragel minhabba eccessi, mohqrija u theddid kontra martu u

ibnu, timponi kontra tieghu l-konsegwenzi sanciti fl-artikolu 48 tal-Kodici Civili. Ghall-istess ragunijiet, kunsidrat l-interess suprem tal-minuri, l-insatibilta' tal-konvenut, l-indifferenza u non-kuranza dimostrata minnu li sahansitra ghazel biex jinjora lil din il-qorti ghalkemm taghtu opportunitajiet ampji biex jiddimostra xort'ohra minn dak li rrizulta mill-provi, il-kura u l-kustodja ser jigu fdati lill-martu u ser tastjeni milli taghtih access ghall-minuri almenu sakemm ma jottemperax mal-ordni diramta mill-Qorti u jiggarantixxi b'mod esawrietni l-inkolumita' ta' ibnu.

Ghal dak li huma l-alimenti mhux il-kaz li l-konvenut jigi ordnat ihallas l-alimenti lill-martu, l-attrici, izda ghandu l-obbligu ndipendentement minn kull access, issa jew fil-futur, lejn ibnu minuri li jikkontribwixxi, anke jekk f'ammont nominali, ghall-bzonnijiet tal-istess ibnu minuri. Ser ghalhekk tiffissa dawn l-alimenti fis-somma ta' tletin lira Maltin (Lm30) fix-xahar.

Ghaldaqstant tiddisponi mill-kawza billi tilqa t-talbiet attrici kif isegwi, billi:

1. tippronuncja s-separazzjoni personali bejna u l-konvenut ghar-ragunijiet imputabbli fl-intier lill-konvenut;

2. tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet kollha sanciti fl-artikolu 48 tal-Kodici Civili;

3. tiddkjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn l-attrici u l-konvenut;

4. tillikida l-istess komunjoni tal-akkwisti favur l-attrici u rigward l-vettura tal-marka Kia tiddisponi u tordna li tigi assenjata fl-intier lill-attrici b'dan li ghal fini u okkorendo l-bzonn ta' xi proceduri amministrattivi sabiex il-vettura tinqaleb f'isimha qeghdha tinnomina lill-Avukat Joseph Grech biex jidher fuq it-trasferiment relattiv fil-kontumacia tal-konvenut;

5. takkorda l-kustodja tal-minuri f'idejn l-attrici;

6. tiffissa bhala retta alimentari li l-konvenut ghandu ihallas lill-ibnu s-somma ta' Lm30 fix-xahar dekoribbli mill-lum u tikkundannah ihallas l-istess somma.

Mill-bqija tichad it-talbiet tal-konvenut kontenuti fil-kontro talba tieghu u tikkundannah l-ispejjez kollha minghajr eccezzjoni salv li d-drittijiet tal-Avukat Dr Joseph Grech thallashom l-attrici.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------